MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2016

Rikors Numru: 225/15 LM

**Avukat Dr Christian Farrugia Karta tal-Identità Numru 441363(M) u Avukat Dr Katia Mercieca Karta tal-Identità Numru 557579(M) bħala mandatarji speċjali tal-assenti Marc Michel Rene Gauci, Passaport Ingliż Numru 304284907 ta' 129, Richmond Road, Londra E8 3NJ, l-Ingilterra u Genevieve Solange Grimshaw ġia Crawley, Numru ta' Licenzja tas-Sewqan Ingliża Numru GRIMS759140GS9UA u residenti White Cottage Sewardstone Road, Londra E4 7RE, l-Ingilterra, bħala eredi tad-decujus Michel Jacques Gauci (detentur tal-Karta tal-Identità Numru 675849M) u li ġie nieqes nhar l-14 ta' Mejju, 2001**

**vs.**

**B'digriet tas-26 ta' Ġunju, 2015 l-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Michael Joseph Zahra Numru ta' Income Tax Registration Ingliża 887511630 u Simon Anthony Zahra, Numru ta' Income Tax Registration Ingliża 887510632 bħala eredi tad-decujus Anthony Zahra**

**imwieled Marsa, Malta detentur tal-Passaport Malti Numru 326595 stante li jirrisjedu barra minn Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Dr Christian Farrugia u Dr Katia Mercieca nomine** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-10 ta' Marzu, 2015, li jaqra hekk:

*Illi Marc Rene Gauci u Genevieve Solange Grimshaw huma l-eredi tad-decujus Michel Jacques Gauci (detentur tal-Karta tal-Identità Numru 675849M) u li ġie nieqes nhar il-14 ta' Mejju, 2001. Dan ai termini ta' riċerki testamentarji kopji annessi u mmarkati Dok. A.*

*Illi l-intimati Michael u Simon aħwa Zahra huma l-uniċi eredi ta' missierhom id-decujus Anthony Zahra mwieled Marsa, Malta detentur tal-Passaport Malti Numru 326595. Dan kif indikat minn riċerki kopji annessi u mmarkati Dok. B.*

*Illi ai termini ta' kuntratt pubbliku ta' self datat il-15 ta' Diċembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, missier ir-rikorrenti, Michel Jaques Gauci, avvanza b'titolu ta' self a favur Anthony Zahra, missier l-intimati, is-somma ta' Lm86,000 ekwivalenti għal Euro 200,326.11 u dan għall-akkwist ta' immobbli ta' proprjetà ossia dar bl-isem ta' "Aurora", mibnija fuq Plots 75 u 75 ġewwa Santa Margherita, Triq il-Fuħħar, Mosta. Hekk ukoll, ġie reġistrat Privileġġ Numru 207 fil-5 ta' Jannar, 2001 in kwatela tal-kreditu dovut. Kopja tal-Kuntratt ġiet esebita u mmarkata Dok. C filwaqt li kopja tal-Privileġġ ġiet annessa u mmarkata Dok. D.*

*Illi ai termini tal-istess kuntratt, il-partijiet ftiehmu illi s-somma mislufa għandha tintradd lura fi żmien għaxar snin u ċioè sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru, 2010, mingħajr interessi.*

*Illi nonostante l-iskadenza tat-terminu mogħti, din is-somma, li tikkostitwixxi dejn ċert, likwidu u dovut, baqgħet ma tħallsitx.*

*Illi permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, intavolata nhar it-30 ta' Lulju, 2013, ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati bħala aventi kawża tad-decujus debitur Anthony Zahra sabiex sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem min-notifika tal-ittra uffiċjali, huma jersqu għall-ħlas tas-somma ta' Euro 200,326.11 oltre interessi mill-15 ta' Diċembru, 2010 u avżaw lill-istess intimati illi fin-nuqqas li jsir dan il-ħlas fiż-żmien stipulat, il-mittenti sejrin jipproċedu kontra l-intimati bil-mezzi kollha skont il-liġi sabiex jirkupraw l-ammont dovut lilhom mill-intimati u dan mingħajr ebda pre-avviż ieħor.*

*Illi l-ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lill-intimati fl-indirizz magħruf ġewwa r-Renju Unit u dan wara d-debita awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tar-Regolament 1393/2007EC. Kopji tad-dokumentazzjoni tan-notifika ossia Certificate of Service or Non-Service of Documents ġew annessi u mmarkati Dok. E.*

*Illi sal-lum, 26 ta' Frar, 2014, kważi sena wara n-notifika debita tal-ittra uffiċjali, ma ġiet intavolata l-ebda risposta u ma sar assolutament l-ebda kuntatt mill-intimati.*

*Illi ir-rikorrenti Mark Gauci u Genevieve Solange Grimshaw ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom in-natura tad-dejn li tiegħu qed jitolbu l-infurzar u kkonfermaw ukoll illi d-dejn huwa għadu dovut fl-intier tiegħu – dan ai*

*termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kopji tad-dikjarazzjonijiet maħlufa ta' Marc Gauci u Genevieve Solange Grimshaw ġew annessi u mmarkati Dok. E u Dok. F rispettivament.*

*Illi r-rikorrenti jikkonfermaw illi l-proprjetà li fuqha sejrin jiġu infurzati d-drittijiet spettanti lilhom hija f'dan l-istadju limitata għall-immobbli li dwarha kien sar is-self fil-15 ta' Diċembru, 2000 u ċioè "Aurora", mibnija fuq plots numri 75 u 76 f'"Ta' Santa Margherita", Triq il-Fuħħar, Mosta. Il-Privileġġ numru 207 reġistrat fil-5 ta' Jannar, 2001 għadu in vigore u għadu reġistrat fuq l-istess immobbli.*

*Illi r-rikorrenti qegħdin għalhekk jadixxu dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġu awtorizzati jgħaddu għall-infurzar tat-titolu eżekuttiv.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li jagħmlu riferenza għas-suespost, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza lill-istess rikorrenti jgħaddu għall-infurzar tat-titolu eżekuttiv u dan skont dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta tal-**Avukat Mark A. Mifsud u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi maħturin kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-intimati** li joqgħodu barra minn Malta (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ippreżentata fil-15 ta' Diċembru, 2015 li permezz tagħha eċċepew li mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk qed jopponu għat-talba tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi l-affidavits tar-rikorrenti Marc Michael Rene Gauci[1] u Genevieve Solange Grimshaw.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija proċedura għall-infurzar ta' titolu eżekuttiv li jikkonsisti f'kuntratt pubbliku ta' self datat 15 ta' Diċembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat. L-ammont misluf kellu jintradd lura sa mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru, 2010 mingħajr imgħaxijiet, iżda fil-frattemp ma tħallas xejn minnu. Kemm il-kreditur kif ukoll id-debitur fuq dan il-kuntratt mietu. Jirriżulta mid-dokumenti esebiti li r-rikorrenti huma l-werrieta tal-kreditur filwaqt li l-intimati huma l-werrieta tad-debitur. Il-werrieta tad-debitur ġew interpellati mir-rikorrenti biex iħallsu d-debitu b'ittra uffiċjali ppreżentata fit-30 ta' Lulju, 2013, iżda baqgħu inadempjenti.

Illi skont l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, meta jkunu għaddew tliet (3) snin minn meta kuntratt riċevut minn Nutar dwar kreditu ċert, likwidu u dovut (li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12) seta' ġie infurzat, l-infurzar tat-titolu eżekuttiv jista' jsir biss wara rikors quddiem il-Qorti kompetenti u wara li l-kreditur jikkonferma bil-ġurament li l-dejn għadu

[1] Fol. 36.

dovut kollu jew parti minnu. Fil-każ preżenti, it-tliet snin għaddew u saret il-konferma bil-ġurament mir-rikorrenti li ma tħallas xejn mid-dejn inkwistjoni.

Illi skont l-Artikolu 259(1) tal-Kap. 12, il-proċedura tar-rikors hija dejjem meħtieġa, irrispettivament minn jekk għaddiex iż-żmien jew le, meta, bħalma ġara f'dan il-każ, d-debitur ikun miet. F'dan il-każ anke l-kreditur miet u allura, skont l-Artikolu 259(4), il-werrieta għandhom il-fakoltà li jitolbu l-infurzar tat-titolu eżekuttiv anke qabel it-trapass taż-żmien stipulat fl-Artikolu 258.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzahom jgħaddu għall-infurzar tat-titolu eżekuttiv indikat fir-rikors tagħhom. Spejjeż a kariku tal-intimati b'dan li l-kuraturi deputati għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.**

Moqrija.